

Brussell, 26 ta' Ottubru 2021
(OR. en)

12906/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0329 (NLE)

AELE 101	IND 284
EEE 83	CSC 353
N 122	EU-GNSS 41
ISL 77	CSCGNSS 17
FL 77	TRANS 604
ESPACE 98	CSDP/PSDC 508
MI 745	AVIATION 256
RECH 453	CFSP/PESC 949
ENER 431	MAR 193
COMPET 714	TELECOM 377
EMPL 433	

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet u tal-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 għall-Ftehim ŻEE (Programm Spazjali tal-Unjoni)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fi ħdan il-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE rigward l-emenda tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni
f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet u tal-Protokoll 37
li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 għall-Ftehim ŻEE
(Programm Spazjali tal-Unjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea¹ (“il-Ftehim ŻEE”) daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 1994.
- (2) Skont l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista’ jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f’oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba’ libertajiet ('Protokoll 31') u l-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 ('Protokoll 37') tal-Ftehim ŻEE.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE. In-Norveġja u l-Islanda biss huma kkonċernati minn din l-emenda.
- (4) Il-Protokoll 31 u l-Protokoll 37 tal-Ftehim ŻEE jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.

² Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.05.2021, p. 69).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emenda proposta tal-Protokoll 31 dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet u tal-Protokoll 37 li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE¹.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 12908/21 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.